

Brussell, 5 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

15885/23
ADD 1
LIMITE
PV CONS 58
RELEX 1375

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin/Żvilupp)
21 ta' Novembru 2023

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Ġrajjet kurrenti¹

Il-Kunsill indirizza:

- Appoġġ tal-UE għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna
- Kooperazzjoni għall-Iżvilupp mal-Palestina
- Rapport ta' nofs it-terminu konġunt tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru III (GAP III)
- Wara li kkunsidra s-summit UE-CELAC li sar fi Brussel fis-17 u t-18 ta' Lulju 2023

4. L-involviment ta' Tim Ewropa f'ambjenti kumplessi fl-Afrika

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet.

5. Affarijiet oħra

- Il-Kunsill laqa' l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Samoa - Ftehim ta' sħubija UE-OSAKP ġdid.
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-ewwel edizzjoni tal-Forum tal-Global Gateway li sar fi Brussel fil-25 u s-26 ta' Ottubru 2023.

¹ Inkluż skambju informali ta' fehmiet mal-President tal-Grupp tal-Bank Dinji (permezz ta' vidjokonferenza)

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 15546/23

Dwar il-punt "A"
nru 3:

Konklużjonijiet dwar approċċ ta' Tim Ewropa
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" ser tiġi interpretata mill-Polonja bħala li tirreferi għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8, 153 u 157, paragrafu 3, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Filwaqt li l-Polonja tingħaqad mal-kunsens dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, aħna ma nqisux l-elementi speċifiċi tagħha msemmija hawn bħala lingwaġġ maqbul u bażi għal kwalunkwe negozjati futuri."

Dwar il-punt "A"
nru 4:

Konklużjonijiet dwar tranżizzjoni soċjali, ekoloġika u diġitali
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" ser tiġi interpretata mill-Polonja bħala li tirreferi għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8, 153 u 157, paragrafu 3, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. B'rabta ma' dan ta' hawn fuq, l-espressjonijiet li fadal li fihom it-terminu "ġeneru" ser jiġu interpretati mill-Polonja bħala "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19, il-paragrafu 1, u l-Artikolu 157, il-paragrafi 2 u 4, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Filwaqt li l-Polonja tingħaqad mal-kunsens dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, aħna ma nqisux l-elementi speċifiċi tagħha msemmija hawn bħala lingwaġġ maqbul u bażi għal kwalunkwe negozjati futuri."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" ser tiġi interpretata mill-Polonja bħala li tirreferi għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8, 153 u 157, paragrafu 3, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. B'rabta ma' dan ta' hawn fuq, l-espressjonijiet li fadal li fihom it-terminu "ġeneru" ser jiġu interpretati mill-Polonja bħala "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19, il-paragrafu 1, u l-Artikolu 157, il-paragrafi 2 u 4, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Filwaqt li l-Polonja tingħaqad mal-kunsens dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, aħna ma nqisux l-elementi speċifiċi tagħha msemmiha hawn bħala lingwaġġ maqbul u bażi għal kwalunkwe negozjati futuri."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-adozzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (KIPI) u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing immarkaw kunsens eċċezzjonali. Dawn poġġew it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-iżvilupp u minn meta ġew adottati saru kisbiet importanti fl-oqsma tas-saħħa, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-edukazzjoni. Dawn l-oqsma huma fil-qalba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li jinkorporaw bħala prinċipji fundamentali r-rispett universali għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

L-Ungerija għadha ddedikata għall-impenji tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom id-drittijiet tan-nisa. Aħna nuru impenn kbir għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-KIPI u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing kif ukoll l-Aġenda 2030, li jservu wkoll ta' referenzi bażiċi fl-oqsma tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet riproduttivi.

It-terminu "saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati" u kwistjonijiet relatati bħal "drittijiet sesswali", "kurrikulu komprensiv ta' edukazzjoni dwar is-sesswalità" m'għandhomx definizzjoni kunsenswali fil-livell internazzjonali, inkluż fl-Unjoni Ewropea. Dawn il-kwistjonijiet huma interpretati u promossi mill-Ungerija fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti. It-termini u l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq huma interpretati skont dan anke fir-*Rapport Speċjali Nru 21/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-Inizjattiva Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet*."

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Il-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-iżvilupp u l-appfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew, u għalhekk tixtieq tesprimi l-appoġġ tagħha għall-abbozz propost ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-kunċett tal-ġeneru li mhumex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni Bulgara. Fl-2021, il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija adottat deċiżjoni oħra li tiċċara li l-kunċett ta' "sess" użat fil-Kostituzzjoni jista' jitqies biss fis-sens tad-determinazzjoni bijoloġika tiegħu.

Għalhekk, f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija hawn fuq, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li l-pajjiż la jista' jaċċetta l-kunċett tal-ġeneru jew l-approċċ ibbażat fuq il-ġeneru tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa u lanqas ma' jista' jaċċetta dokumenti oħra li għandhom l-għan li jagħmlu distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostruzzjoni soċjali. Barra minn hekk, aħna nemmnu bis-sħiħ li meta jindirizza d-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill għandu juża t-terminoloġija tal-Karta."